**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa 14 ta' Ottubru 2020**

**Rikors Konġunt Numru : 68/2020 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**MC**

**U**

**SD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors konġunt ta' MC u SD datat 18 ta' Frar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti kienu iżżewwġu nhar il-ħamsa ta' April tas-sena elfejn u erbatax (05.04.2014) u dan skont iċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat Dok A u miż-żwieġ tagħhom ma kienx hemm ulied;*

*Illi għalkemm il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Maria Roberta Galea Mamo nhar it-tnejn u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (22.01.2018) (Dok B) huma kienu ilhom jgħixu ħajja separata de facto sa minn April tas-sena elfejn u ħmistax u dan kif anke iddikjaraw fi klawsola tmintax tal-imsemmi kuntratt;*

*Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, il-partijiet kienu iddekadew mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment mingħand xulxin;*

*Illi llum ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni anke l-għaliex illum il-ġurnata ż-żewġ partijiet għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet;*

*U dan taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat it-testimonjanza permezz tal-affidavits;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MC** xehdet (fol 11) illi hija u S izzewwġu fil-5 ta' april 2014 u minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal. Illi madwar sena miż-żwieġ tagħhom, huma indunaw li ma kienux jaqblu u bdew jgħixu ħajja separata minn xulxin. Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali f'Jannar 2018. Illi finalment xehdet illi minn April 2015 sa' llum hija u żewġha qatt ma rrikonciljaw u illi ma hemm l-ebda ċans li jerġgħu jirranġaw.

**SD** xehed (fol 12) u ikkonferma dak li xehdet MC. Żied jixhed illi ma hemmx manteniment bejn il-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' April 2014 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Roberta Galea Mamo, datat 22 ta' Jannar 2018 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) Jirriżulta ukoll, minn klawsola 18 tal-kuntratt ta' separazzjoni personali u mix-xhieda tal-partijiet, illi l-partijiet ilhom jgħixu ħajja separata de facto sa' minn April tas-sena elfejn u ħmistax, u ghalhekk jirrizulta illi ilhom *de facto* separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi manteniment dovut bejn il-partijiet ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**